



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' April 2008 (25.04)
(OR. fr)**

8712/08

SOC 237

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) / KUNSILL

Nru dok. preċ.: 7285/08 SOC 154

Suġġett: **Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi:**

- ħatra tas-Sinjura Helén LUNDKVIST, membru Svediż li tissostitwixxi lis-Sinjura Marianne LAXÉN, membru li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Marianne LAXÉN, membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (Svezja) tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
2. Skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006¹ ta' l-20 ta' Diċembru 2006, il-Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għandu jikkonsisti fi tmintax-il rappreżentant maħturin mill-Kunsill, abbażi ta' proposta minn kull Stat Membru kkonċernat, u membru wieħed li jirrappreżenta lill-Kummissjoni.
3. It-tmintax-il membru maħturin mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni ta' kif jinbidlu l-Prezidenzi, fejn membru wieħed jiġi nominat minn kull Stat Membru kkonċernat għal perijodu ta' tliet snin. Skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament, il-membri supplenti, li jirrappreżentaw il-membri fin-nuqqas tiegħu jew tagħha, għandhom ikunu maħturin bl-istess proċedura.

¹ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

4. Il-Gvern Svediż ippreżenta, bħala sostituzzjoni tal-membru li rriżenja, il-kandidatura li gejjja għall-bqija tal-mandat, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2010:

Is-Sinjura Helén LUNDKVIST
Director
Integration- och jämställdhetsdepartementet
Fredsgatan 8, Kv. Tigern
SE-103 33 STOCKHOLM
Tel.: + 46 8 405 31 86
e-mail: Helen.lundkvist@integration.ministry.se

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- a) biex jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill annessa li tissostitwixxi membru tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u
 - b) biex jordna l-pubblikazzjoni tas-sostituzzjoni, bħala informazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
li taħtar membru
tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew
għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2007², il-Kunsill ħatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2010, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
- (2) Post ta' membru fil-kategorija ta' rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Bord ta' Tmexxija imsemmi tbattal wara r-riżenja tas-Sinjura Marianne LAXÉN;
- (3) Il-Gvern Svediż ressaq kandidatura għal dan il-post li tbattal,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

² ĠU C 128, 9.6.2007, p. 2.

Artikolu Uniku

Is-Sinjura Helén LUNDKVIST għandha tinħatar membru tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sinjura Marianne LAXÉN għall-bqija tal-mandat, jgħid li sal-31 ta' Mejju 2010.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
